VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,691, 24 ta' Diċembru, 2010*
*Taqsima B*

**A.L. 557 tal-2010**

## ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

## Avviż tal-2010 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Tnaqqis tan-Numru tal-Għasafar)

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp u tar-regolamenti 9(1)(b) u 24 tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Avviż Legali 79 tal-2006) u wara li hu sodisfatt illi m'hemmx xi soluzzjoni oħra sodisfaċenti, il-Prim Ministru qiegħed b'dan jawtorizza t-tnaqqis tan-numru tal-għasafar tal-ispeċi *Sturnus vulgaris*, fil-perimetru taż-żona indikata fil-partita (9) tal-Iskeda V tal-imsemmija Regolamenti għall-perjodu mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż sat-8 ta' Marzu 2013 (iż-żewġ dati inklużi), fl-interess tas-sigurtà tal-ajru u taħt dawk il-kondizzjonijiet stabbiliti mid-Direttur.